# Strumenti Mużikali
# l-ewwel parti

Dr Anton John Mifsud LL.B., Dip. Not. Pub., LL.D.

Il-ħoss huwa forma ta' enerġija li jiġi assorbit mill-widnejn u li jiġi interpretat mill-moħħ. In-noti jew kwalunkwe ħoss mużikali ieħor huma r-riżultat ta' vibrazzjoni tal-arja. Il-bniedem ma damx wisq ma skopra dan, u dan hu dovut ukoll għall-fatt li aħna l-bnedmin nużaw din l-istess vibrazzjoni biex inkunu nistgħu nitkellmu, inkantaw u nagħmlu kull tip ta' ħoss ieħor. Wara ftit il-bniedem ipprova wkoll joħloq strumenti li jimitaw il-vuċi, però kien proċess li ħa żmien twil biex din l-esperimentazzjoni rriżultat fi strumenti mużikali sofistikati biżżejjed li setgħu jipproduċu ħoss konsistenti u li jista' joħloq melodija. Naturalment, il-problema mbagħad kienet biex tgħaqqad diversi strumenti li jagħmlu ħsejjes differenti u jirnexxielek toħloq mużika armonjuża.

## Strumenti *Woodwind*

L-istrumenti magħrufa bħala *wind instruments* huma maqsuma f'żewġ kategoriji kbar, il-*woodwind* u l-*brass*. Il-*woodwind instruments* ħadu l-isem tagħhom minħabba li qabel l-invenzjoni tas-saxophone, kollha kienu magħmulin mill-injam. Wara l-invenzjoni tas-saxophone, l-isem *woodwind* beda jirreferi għal dawk l-istrumenti li jindaqqu bil-qasba. Din il-qasba titwaħħal mal-bokkatura permezz ta' legatura u tiġi ssikkata f'postha permezz ta' żewġ viti. Xi strumenti, bħall-oboe u l-bassoon minflok qasba waħda jkollhom tnejn però ma jkollhomx bokkatura. Dan minħabba li l-qasab jiġu mwaħħlin waħda kontra l-oħra. Il-ħoss joħroġ meta l-qasba tibda tivvibra l-arja li l-mużiċist jonfoħ fl-istrument. Ħafna mill-qasab huma magħmulin mill-*cane* però dawn għandhom il-problema li l-qasba tinxef malajr u l-mużiċist ikollu joqgħod ixarrabha kull darba. Dan l-inkonvenjent ġie megħlub bl-invenzjoni ta' qasab sintetiċi li m'għandhomx din it-tip ta' problema. M'għandniex xi ngħidu, fid-dinja moderna tal-lum insibu wkoll strumenti li tradizzjonalment kienu jsiru mill-injam li iżda qed jiġu magħmulin ukoll minn materjali differenti, bħall-metall u l-plastik.

## Flawt

Il-post eżatt fejn oriġina dan l-istrument m'huwiex magħruf, però nafu li għall-bidu l-flawt kien isir mill-għadam. Din it-teorija hija korroborata minn sejbiet arkeoloġiċi u dan għaliex instab flawt magħmul mill-għadam taċ-ċinji fil-Ġermanja, preċiżament ġewwa *Geissenklosterle Cave* u li jmur lura 36,000 sena. Dan il-flawt primittiv kellu



disa' toqob. Sejba oħra hija dik ta' għadma ta' ors tal-għerien b'erba' toqob fiha, misjuba ġewwa *Divje Babe* fis-Slovenja u li tmur lura sa 50,000 sena ilu. L-arkeologi jaħsbu li din l-għadma kienet xi forma ta' flawt però jeżistu bosta opinjonijiet kuntrastanti dwar dan, u għalhekk nistgħu ngħidu b'ċertezza li huwa l-flawt Ġermaniż ta' 36,000 sena ilu li hu l-aktar wieħed antik li nafu bih. Sal-perjodu ta' xi 900 sena Q.K. il-flawt kien isir mill-injam u kien jintuża ħafna fiċ-Ċina, l-Eġittu u l-Greċja. Fl-Ewropa beda jintuża fis-seklu XI l-aktar bħala strument militari minn popli Ġermaniċi fejn l-istrument kien ikollu biss sitt toqob u kien jiġi magħmul f'biċċa sħiħa.

Tajjeb wieħed iżomm f'moħħu li dak li hawnhekk se nirreferu għalih bħala 'flawt' ma hu xejn ħlief il-flawt tal-Punent, għaliex insibu diversi tipi ta' flawt madwar id-dinja bħaz-*zampoña* tat-tribù Inka. Il-flawt kiseb il-popolarità fl-Ewropa f'nofs is-seklu XVIII meta ġie ddisinjat mill-ġdid mill-familja ta' strumentalisti Hotteterre ta' Franza, li żviluppaw ukoll is-saxophone (għalkemm is-saxophone ġie maħluq minn Adolphe Sax). Huma qasmu l-flawt fi tlett biċċiet u gradwalment bdew ukoll jiżdiedu xi ċwievet biex itejbu l-kwalità tal-ħoss. Fis-sena 1832 Theobald Boehm, li kien mużiċist Ġermaniż, ivvinta l-ewwel flawt tal-metall. Illum insibuh magħmul mill-metall miksi bil-fidda, deheb jew anke *platinum* li huwa materjal prezzjuż ferm. Għalkemm magħmul mill-metall u ma jagħmilx użu minn qasba, dan l-istrument minn dejjem ġie meqjus bħala li jagħmel parti mill-familja tal-istrumenti *woodwind,* forsi anke minħabba t-tip ta' ħoss li għandu.

Dan l-istrument jindaqq billi l-mużiċist jonfoħ l-arja minn toqba ovali fil-ġenb tal-istrument mingħajr ma jmiss din it-toqba b'xufftejh. Għall-kuntrarju ta' strumenti oħra, il-flawt irid jindaqq f'forma orizzontali. In-noti differenti jindaqqu billi l-mużiċist jagħfas ċwievet differenti, iżda kuntrarju għall-klarinett m'għandu l-ebda toqob li jridu jitgħattew bis-swaba nfushom. Insibu erba' tipi ta' flawt, bl-aktar popolari jkunu l-flawt *in Do* u l-*piccolo,* li kapaċi jitla' ottava aktar mill-flawt *in Do*. Iż-żewġ tipi l-oħra huma l-flawt baxx u l-flawt *alto.* Kompożituri bħal Bach, Mozart u Debussy kitbu xi xogħlijiet għall-flawt filwaqt li Vivaldi ikkompona xi xogħlijiet għall-*piccolo*. Huwa strument li wieħed irid dedikazzjoni kbira biex jitgħallmu u huwa xi ftit diffiċli sakemm l-istudent jidra kif irid iżommu. Dan minħabba li n-nifs irid jiġi minfuħ f'ċerta direzzjoni u b'ċertu *speed,* altrimenti ma joħroġx ħoss għaliex ma jkunx hemm vibrazzjoni fit-tubu.

Il-flawt huwa strument li għandu rwol importanti ħafna fil-baned għaliex xi xogħol ikun irid jindaqq *solo* minnu – għallanqas din tkun ix-xewqa tal-kompożitur. Ħafna drabi meta ma jkunx hemm flawt ġo banda, ix-xogħol tiegħu jagħmlu l-kwartin, li però għandu ħoss xi ftit differenti.

## Klarinett

Dan l-istrument ġie vvintat fis-seklu XVIII minn Johann Cristoph Denner, Ġermaniż li kien jimmanifattura l-flawt, u mill-ewwel kiseb popolarità kbira fl-orkestri, u aktar tard fil-baned fejn għandu rwol importanti ferm. Bħala strument ġie żviluppat mix-*chalumeau* li kien strument Barokk. L-isem tiegħu ġej miż-żewġ kelmiet '*Clarino*' + '*etto*' li tfisser trumbetta żgħira, u dan minħabba l-ħoss partikulari tiegħu, fin imma fl-istess ħin b'saħħtu.

Il-klarinetti antiki spiss kienu jiġu magħmulin mill-injam filwaqt li dawk moderni huma magħmulin mill-*ebony*, injam, jew plastik. Il-bokkatura sikwit tkun magħmula mill-*ebonite* jew mill-plastik iżda jeżistu wkoll tipi magħmulin mill-ħġieġ, kristall, u saħansitra

għadam. Bħala forma, il-klarinett jikkonsiti f'tubu dritt, filwaqt li fit-tarf għandu forma ta' qanpiena żgħira. Għandu wkoll bokkatura minn fejn wieħed jgħaddi n-nifs. Biex jiġi prodott il-ħoss, il-mużiċist irid bilfors ikollu qasba li tintrabat mal-bokkatura permezz tal-legatura. Jindaqq billi l-mużiċist jisforza xufftejh u jgħaddi l-arja minn bejn il-bokkatura u l-qasba u b'hekk joħloq vibrazzjoni fit-tubu. Eżatt taħt il-bokkatura nsibu l-*barrel* tal-klarinett li jista' jiġi mċaqlaq sabiex l-istrument ikun jista' jiġi intonat ma' strumenti oħra.



Klarinett modern ikollu aktar minn għoxrin toqba li jipproduċu ħsejjes differenti. Biċċiet mit-toqob ikunu miftuħin u jridu jitgħattew bis-swaba tal-mużiċist jew biċ-ċwievet miksija bid-dentijiet, filwaqt li oħrajn ikunu magħluqin miċ-ċwievet u l-mużiċist irid jiftaħhom. Dan l-għafis jaffettwa t-tul tal-kolonna tal-arja fit-tubu tal-klarinett u b'hekk joħorġu noti differenti. Sas-sena 1860 kienu ġew ivvintati żewġ sistemi ta' rfis tan-noti, is-sistema *Boehm*, li ġiet ivvintata fl-1839 u rreġistrata fl-1844 u li hi l-aktar komuni, u l-oħra, is-sistema *Albert*, żviluppata fl-1860 minn Eugène Albert. Is-sistema *Boehm* ġiet ivvintat minn Hyacinthe Klosé ad unur ta' Theobald Boehm li kien jimmanifattura l-flawt. Din is-sistema hija użata prattikament fid-dinja kollha barra fil-Ġermanja u l-Awstrija.

Invenzjoni sinifikanti fl-istorja ta' dan l-istrument kien l-iżvilupp tad-dentijiet. Dawn kienu jkunu magħmulin mill-*felt* u allura biż-żmien kien ikun hemm *leakage* tal-arja. Minħabba f'dan, l-użu taċ-ċwievet bid-dentijiet kien jinżamm ristrett għall-aħħar. Dan kollu nbidel fl-1812 meta Ivan Muller, klarinettist Russu, żviluppa tip ta' dentijiet magħmulin mill-ġilda jew mill-bużżieqa tal-awrina tal-ħut. Dan il-materjal ma kienx iħalli l-arja tgħaddi allura kien hemm lok fejn jiżdiedu aktar ċwievet bid-dentijiet u b'hekk il-klarinett kompla jiżviluppa.

Fost it-tipi ta' klarinett insibu is-*Sib soprano*, li huwa l-aktar popolari u komuni fil-baned Maltin. Il-*Mib soprano*, magħruf bħala l-kwartin, ukoll huwa strument importanti minħabba li f'banda jkun hemm biss wieħed biss jew rarament tnejn. Ħafna drabi, barra x-xogħol proprju tiegħu il-kwartin jagħmel xogħlijiet ta' strumenti oħra wkoll bħall-flawt u l-oboe meta dawn ma jkunux preżenti f'banda - m'għandniex xi ngħidu, l-effett mhux dejjem ikun dak mixtieq. Rarament fil-baned Maltin tilmaħ klarinett baxx peress li f'Malta kollha l-mużiċisti li jdoqqu dan it-tip ta' strument tgħoddhom fuq is-swaba t'id waħda. Dan l-istrument għandu forma partikolari wkoll, għaliex għalkemm huwa magħmul mill-istess materjal tal-klarinett, il-forma tiegħu tixbah ħafna lil dik tas-saxophone. Naturalment jeżistu tipi oħra ta' klarinett, bħall-*La soprano*. Għalkemm dawn kollha għandhom ħsejjes differenti, kollha kemm huma jindaqqu bażikament bl-istess mod, jiġifieri l-irfis tan-noti huwa prattikament identiku.

Il-klarinett lagħab parti importanti fl-iżvilupp tal-mużika *jazz*, speċjalment fil-bidu tas-seklu 20. Jintuża wkoll għal ħafna tipi ta' mużika folkloristika bħall-Klezmer.

## Saxophone

Dan l-istrument ġie vvintat fl-1840 mill-mużiċist Belġjan Adolphe Sax li kien idoqq ukoll il-flawt u l-klarinett. Oriġinarjament Sax kien iddisinja 14-il mudell iżda dawn ma

nħadmux kollha. Bħala strument huwa magħmul mill-metall, però xi produtturi, fosthom il-kumpanija *Grafton* esperimentaw ukoll b'materjali oħra fosthom il-plastik u l-injam. Il-kumpanija *Yanagiswa* irnexxielha wkoll toħloq saxophone magħmul mill-bronż. Fatt interessanti hu li għalkemm is-saxophone huwa magħmul mill-metall, xorta jagħmel parti mill-istrumenti *woodwind* peress li jindaqq bil-qasba.



In-noti differenti jindaqqu billi jingħafsu ċwievet li jagħlqu jew jiftħu toqob fl-istrument. Insibu madwar għoxrin toqba f'dan l-istrument. L-aktar erba' tipi ta' saxophone popolari fid-dinja huma s-*soprano*, *alto*, tenur u baritonu, bl-aktar popolari fil-baned Maltin ikunu l-*alto* u t-tenur. Kulħadd jaf kif inhi l-forma tas-saxophone però ftit jafu li s-saxophone *soprano* għandu forma bħal tal-klarinett però xorta waħda huwa magħmul mill-metall. Huwa rari ħafna li f'banda Maltija ssib saxophone baritonu.

Is-saxophone huwa popolari ħafna fil-*brass bands*, baned militari u għall-mużika *jazz*, però hija ħasra li qatt ma rnexxielu jsib post fiss fl-orkestra għalkemm xi kompożituri kitbu xogħol apposta għas-saxophone, bħal George Bizet u Johann Strauss. Ħafna drabi, speċjalment barra minn Malta is-saxophone huwa użat minflok il-klarinett. Lejn l-aħħar tas-seklu 20 is-saxophone kiseb popolarità kbira fl-Amerka fejn kellu rwol importanti fl-iżvilupp tal-mużika *jazz*.

## Bassoon / Fagott



Il-bassoon beda jiġi żviluppat lejn l-aħħar tas-seklu XVII minn strument imsejjaħ *'dulcian'*. L-ewwel pajjiż fejn kiseb popolarità kbira kien l-Olanda u sal-lum għadhom jeżistu 33 strument minn dik l-era. Il-bassoon modern ġie żviluppat minn Carl Almenräder u J.A. Heckel u tant hu strument b'ħoss sabiħ li Ludwig van Beethoven innifsu kien ordna wieħed minnhom. Infatti sal-lum il-ġurnata, għalkemm ħafna kumpaniji jimmanifatturaw il-bassoon, bassoon tad-ditta *Heckel* huwa meqjus bħala wieħed mill-aqwa li mużiċist jista' jkollu.

Dan huwa tip ta' strument magħruf bħala *double reed* proprju għaliex minflok bokkatura għandu żewġ qasab imwaħħlin waħda kontra l-oħra. Huwa strument magħmul minn erba' biċċiet, li b'kollox ilaħħqu 2.4 metri u għalhekk ma jindaqqx fil-marċi tat-toroq iżda waqt programmi mużikali fejn il-mużiċist ikollu bilfors joqgħod bilqiegħda. L-istrument jinżamm f'qagħda diagonali u ħafna drabi l-mużiċist ikollu s-sapport ta' ċinga tal-ġilda mdendla m'għonqu, minħabba li dan hu strument tqil wisq biex jinżamm bl-idejn biss. Ġeneralment ikun magħmul minn tip ta' materjal imsejjaħ *maple* iżda jista' jkun magħmul ukoll mill-*ebony*, speċjalment għal studenti li jkunu għadhom jibdew idoqqu. Xi fabbriki

esperimentaw anke b'xi metalli però l-aħħar fabbrika kbira ta' dan it-tip għalqet il-bibien fl-1889.

Jeżisti wkoll il-*contra* bassoon li għandu tul id-doppju tal-bassoon u jinżel ottava 'l isfel aktar minnu. Flimkien mal-oboe, il-bassoon għandu *pitch* baxxa ħafna u huwa strument ideali bħala vuċi baxxa meta jkun hemm grupp ta' *woodwind instruments* idoqqu waħedhom. Dan l-istrument huwa wkoll adattat ħafna biex idoqq parti *solo,* infatti Mozart kiteb biċċa mużika *solo* għal dan l-istrument fl-opra tiegħu *"Jupiter"*. Il-bassoon dam xi ftit sakemm sab post fiss fl-orkestra però sa mis-sena 1688 insibu diġà kompożituri bħal Antonio Cestili li kiteb mużika għal dan l-istrument fl-opra tiegħu *"Pomo d'oro"*. Antonio Vivaldi kien wieħed mill-kompożituri li għaraf il-potenzjal ta' dan l-istrument tant li kiteb 37 kunċert għall-bassoon. Għalkemm ġieli ntuża biex tindaqq mużika *jazz*, dan seħħ rarament.

## Oboe

Ismu ġej minn żewġ kelmiet Franċiżi *'haut'* li tfisser 'għoli' u *'bois'* li tfisser 'injam'. Ġie żviluppat fis-seklu XVII aktarx minn żewġ mużiċisti Franċiżi, Jean Hotteterre u Andrè Philidor. Kien Jean Baptiste Lully li ntroduċa dan l-istrument għall-ewwel darba fl-orkestra fis-seklu XVII u sa ftit snin wara ħafna orkestri fl-Ewropa kien ikollhom żewġ oboes. L-oboe kompla jiġi żviluppat fis-seklu XIX mill-familja *Triebert* ta' Pariġi u nistgħu ngħidu li minn dak iż-żmien 'l hawn ma kien hemm l-ebda bidla oħra radikali fil-manifattura ta' dan l-istrument.

Oboe modern huwa ġeneralment magħmul minn injam imsejjaħ *grenadilla,* għalkemm ġieli jsir minn materjali oħra bħall-plastik. Bħala strument, huwa jikkonsisti f'tubu twil 53 ċentimetru li jiżżarma fi tlett biċċiet u li bħall-bassoon jindaqq b'żewġ qasab. Mal-medda tas-snin aktar toqob u ċwievet ġew introdotti sakemm fis-seklu XIX l-oboe ħa l-forma li nafuh biha llum.

Dan l-istrument huwa fost l-aktar li għandu *pitch* għolja mill-istrumenti kollha fil-familja *woodwind.* Dan ifisser li kapaċi jilħaq noti fil-għoli aktar mill-oħrajn tal-istess tip. Huwa strument diffiċli biex iddoqqu peress li jrid biss ftit nifs biex jindaqq u allura l-mużiċist irid jieħu n-nifs bil-mod aktar min-normal. Jeżistu wkoll l-oboe *piccolo,* u l-*bass* oboe iżda dawn ma jintużawx hawn Malta għaliex m'hawnx min idoqqhom.

F'banda Maltija l-oboe għandu xogħol importanti ħafna speċjalment waqt xi parti *solo*. Il-ħoss tiegħu tagħrfu mill-ewwel anke meta jkun jakkumpanja strumenti oħra minħabba li huwa qawwi u penetranti. Fost il-kompożituri li kitbu xogħlijiet għall-oboe nsibu lil George Friedrich Handel, Joseph Haydn, Wolfgang Amadeus Mozart, Ludwig van Beethoven, Robert Schumann, u Carl Nielsen. L-oboe rarament jintuża għal tipi ta' mużika oħra ħlief dik klassika għalkemm kien hemm kompożituri li ppruvaw jagħmlu dan. Ġieli ntuża għal mużika *jazz* però mhux spiss. Xi *bands* waslu anke biex użaw l-oboe għal mużika *rock*, bħal per eżempju l-grupp *Roxy Music* u l-kantant Rod Stewart. L-oboe ntuża wkoll minn Ennio Morricone għat-tema *"Gabriel's Oboe"* mill-film *'The Mission'.*

**Referenzi:**
The World Book Encyclopaedia.
Microsoft Encarta
www.wikipedia.org